Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,353, 18 ta' Ottubru, 1996
Taqsima B

A.L. 190 ta' l-1996

ATT TA' L-1994 DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (ATT NRU. XII TA' L-1994)

Regolamenti ta' l-1996 li Jemendaw it-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 61 ta' l-Att ta' l-1994 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1996 li Jemendaw it-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Emenda Nru. 2) liema Tielet Skeda qegħda hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti tissejjaħ "l-Iskeda".

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1996.

Iżid il-partita 10B ma' l-Iskeda.

2. Minnufih wara l-partita 10A ta' l-Iskeda għandha tiżdied il-partita ġdida li ġejja:—

"10B. L-importazzjoni ta' vettura bil-mutur privata waħda importata minn persuna (ir-raġel u l-mara jgħoddu bħala persuna waħda għall-għanijiet ta' din il-partita) li jiġi biex joqgħod f'Malta, b'dan illi dik il-persuna tissodisfa lill-Kontrollur tad-Dwana illi:

(i) jkollu fil-pussess tiegħu permess tar-residenza maħruġ lilu mill-Gvern skond is-subartikolu (i) ta' l-artikolu 7 ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni; u

Kap. 217.

(ii) il-vettura bil-mutur kienet fil-pussess tiegħu għal żmien kontinwu ta' mill-anqas sitt xhur li jiġu minnufih qabel il-hruġ ta' l-imsemmi permess, sakemm ħlasijiet ta' dwana u/jew ħlasijiet fiskali li għalihom tkun normalment soġġetta dik il-vettura jkunu tħallsu jew fil-pajjiż ta' oriġini jew fil-

pajjiż tat-tluq u bil-kondizzjoni li dik il-vettura bil-mutur tiġi importata fi żmien sitt xhur mid-data tal-imsemmi permess jew mid-data tal-wasla ta' dik il-persuna f'Malta biex toqgħod għall-kollox f'Malta, skond liema data tiġi l-aktar tardiva:

Iżda meta vettura bil-mutur bhal dik tiġi importata kif imsemmi qabel eżenti mit-Taxxa fuq il-Valur Miżjud tinbiegħ jew tingħata minn dik il-persuna u din biex tintuża f'Malta, dik il-vettura bil-mutur titqies li nħarġet mid-depożt fil-waqt ta' dak il-bejgħ jew għoti tagħha u t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud għandha titħallas fuqha mill-persuna li ssir is-sid tagħha.".